MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 414/2008/1

**Rikors Numru: 414/2008/SM**

**Alpha Briggs Mediterranean Limited (C 38859)**

**vs**

**Network Publications Limited (C 21054)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fit-19 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors fuq indikat datat it-18 ta' Dicembru tas-sena 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lis-*

*socjeta` ntimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata :*

*1. Illi thallas is-somma ta' hamest elef u tletin ewro u erbgha u tletin centezmu, (€5,030.34), rapprezentanti kumpens dovut lis-socjeta` rikorrenti ghal inkarigu moghti lilha mill-istess socjeta` rikorrenti u mwettaq minnha skont kif maqbul bejn il-partijiet u kif jirrizulta wkoll mill-'quotation' annessa u mmarkata Dok. 'A' approvata u sottoskritta mis-socjeta` ntimata u dan, oltre l-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament;*

*2. Bl-ispejjez a karigu tal-istess socjeta` ntimata li r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni;*

*Rat ir-risposta tas-socjeta` ntimata datata s-26 ta' Frar tas-sena 2009 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:*

*1. L-eccezzjoni exceptio non ademple ti contractus. Waqt li huwa veru li s-socjeta` ntimata nkarigat lis-socjeta` rikorrenti sabiex tipprovdi servizzi ta' oil spill response service ghal boat show li giet organizzata l-Menqa, il-Marsa hija ma qdietx l-inkarigu skont il-ftehim, (Dok. 1), kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Illi waqt li kien miftiehem li s-socjeta` rikorrenti kellha tipprovdi servizz ta' tindif tal-bahar fuq bazi ta' tmien sieghat f'gurnata, irrizulta li s-servizz li kien qed jinghata kien wiehed ta' xi erba' sieghat u ma kienx sodisfacenti jew adegwat;*

*3. Illi s-somma mitluba hija wkoll esagerata ghaliex tinkludi granet meta s-servizz ma nghatax assolutament;*

*Semghet ix-xhieda prodotta;*

*Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi l-istqarrijiet guramentati pprezentati;*

*Semghet it-trattazzjonijiet orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi skont is-socjeta` rikorrenti, l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:*

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti taghmel xoghol ta' tindif ambjentali;*

*2. Illi fl-2008 din l-istess socjeta` kienet giet inkarigata mill-Awtorita` Marittima ta' Malta biex tkun responsabbli ghat-tindif ta' sit fejn kien ser tinzamm il-fiera tad-dghajjes;*

*3. Illi x-xoghlijiet de quo inbdew fl-24 ta' Settembru tas-sena 2008;*

*4. Illi in oltre fuq suggeriment tal-imsemmija Awtorita` l-istess socjeta` rikorrenti ltaqghu mas-socjeta` intimata biex jassiguraw ruhhom li fil-post fejn kienet ser issir l-imsemmija fiera, ma jidholx hmieg;*

*5. Illi in effetti, bil-ghan li tinzamm l-indafa dovuta mixtieqa, is-socjetajiet kontendenti ikkonkludew il-ftehim datat it-23 ta' Settembru, 2008, (ara fol 8);*

*6. Illi skont ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, meta l-impjegati tal-istess socjeta` kienu qed jespletaw l-inkarigi taghhom tul il-fiera, hadd ma gibdilhom l-attenzjoni li x-xoghol ma kienx qed isir kif supporst, hlief ghall-okkazjoni wahda meta rapprezentant tas-socjeta` intimata kien cempel lir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti u intimata iwaqqaf is-servizz pattwit, (ara fol 26);*

*7. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti hu bbazat fuq il-"quotation" maqbula bejn il-partijiet, (ara fol 8);*

*8. Illi l-istess rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jsostni li l-impjegati tal-istess socjeta` kienu dejjem fuq il-post tax-xoghol biex jespletaw l-inkarigi taghhom;*

*9. Illi stante li l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti ghadu dovut, l-istess socjeta` kienet kostretta tipprocedi b'din il-procedura;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi skont is-socjeta` intimata l-fatti li taw lok ghall-posizzjoni mehuda minnha f'din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:*

*1. Illi l-vertenza in dizamina tippernja fuq il-ftehim pattwit mill-partijiet kontendenti fit-23 ta' Settembru 2008, (ara fol 8);*

*2. Illi fost ix-xoghlijiet li taghmel is-socjeta` intimata hemm dik li torganizza wirjiet tad-dghajjes;*

*3. Illi fl-2008 l-organizzaturi nvoluti fosthom is-socjeta` ntimata, talbu lill-awtoritajiet koncernati biex f'dik is-sena l-wirja ssir fil-Menqa tal-Marsa;*

*4. Illi wara li l-awtoritajiet koncernati laqghu din il-proposta, gie sussegwentement deciz li peress li l-post maghzul kien " … fi stat mill-aghar hafna …", dan kellu jitnaddaf biex jingieb fi stat tajjeb bizzejjed biex ikunu jistghu jingiebu jottijiet li jiswew hafna flus;*

*5. Illi fuq suggeriment tal-Awtorita` fuq gia` indikata, bil-ghan li ma jithalliex jidhol hmieg minn wicc il-bahar, kellu jsir ftehim bejn is-socjeta` intimata organizzatrici u s-socjeta` rikorrenti ghal dan il-ghan kif fil-fatt sar fit-23 ta' Settembru 2008, (ara fol 8);*

*6. Illi nonostante tali prekawzjonijiet jirrizulta li diversi klijenti tas-socjeta` ntimata organizzattrici tal-wirja de quo kienu qed icemplu lill-ufficjali taghha biex jilmentaw mill-kwantita` ta' hmieg li kienu qed josservaw fil-bahar hdejn il-jottijiet lussuzi li kienu ghall-wirja;*

*7. Illi impjegati tas-socjeta` intimata tqabbdu jivverifikaw x'kienu qed jaghmlu l-impjegati tas-socjeta` rikorrenti fir-rigward u gie stabbilit li fil-post fejn kienet qed issir il-wirja*

*ma kien hemm l-ebda haddiema tal-istess socjeta` rikorrenti;*

*8. Illi l-"boom" impoggi mis-socjeta` rikorrenti rrizulta li kien ineffikaci stante li ma kienx jaghlaq l-arja involuta fil-fiera u li in oltre, jirrizulta li f'xi postijiet kien anke ghereq, (ara fol 44);*

*9. Illi stante li l-intervent tas-socjeta` rikorrenti kien ineffettiv, il-hmieg dahal fl-arja tal-esposizzjoni tad-dghajjes;*

*10. Illi konsegwenza ta' dan, is-socjeta` intimata itterminat il-kuntratt bl-effett immedjat, (ara fol 44);*

*11. Illi ghaldaqstant is-socjeta` intimata ssostni li in vista tal-inadempjenza tal-inkarigu moghti, s-somma mitluba mis-socjeta` rikorrenti hi esagerata;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi kif jirrizulta mill-ftehim pattwit mis-socjetajiet kontendenti fit-23 ta' Settembru 2008, ix-xoghol ta' tindif mistenni mis-socjeta` rikorrenti kellu jsir mit-tqeghid ta' "boom" – senjatament materjal appozitu li l-ghan uniku tieghu hu li peress li maghmul minn materjal galleggjanti, dan izomm il-hmieg li jkun f'wicc il-bahar ma jidholx fl-area fejn kienet qed tinzamm il-wirja;*

*Illi ghalhekk, dan jirrizulta li hu biss tip wiehed ta' rimedju, indirizzat specifikatament biex jipprotegi l-area in dizamina minn dan it-tip ta' "debris" galleggjanti;*

*Illi ghandu ukoll jigi nnotat li dan l-iskop preciz hekk indirizzat jirrizulta maghruf anke mill-istess socjeta` ntimata stante li fir-risposta taghha sostniet li s-servizz pattwit kien ta' " … oil spill response service …", senjatament hmieg, fil-kaz specifiku "zejt", li notarjament jinsab biss f'wicc il-bahar;*

*Illi pero` ghandu jinghad ukoll li fil-bahar, il-hmieg ma jirrizultax li jorigina biss mill-wicc tieghu, molto piu`, meta*

*wiehed jikkonsidra l-area fejn inzammet il-wirja de quo, area notorjament maghrufa ghall-hmieg, zdingar, telqa u rwejjah immani li temana, li jirrizulta li kien ukoll maghruf mis-socjetajiet kontendenti stante li qabel ma gie konkluz il-ftehim de quo, inzamm "survey" appozitu fl-istess post, (ara fol 44);*

*Illi ghalhekk, ghalkemm l-utilizzat tal-"boom" jindirizza problema wahda, pero` zgur li ma jindirizzax problemi ohra riskontrati – izda facilment pevisti minn nies allegatament esperti fil-qasam in dizamina;*

*Illi di piu`, jirrizulta wkoll li anke fil-limitazzjoni tieghu fuq indikata l-istess "boom" utilizzat jirrizulta li kien karenti u mhux tajjeb biex jeffettwa x-xoghol mistenni mis-socjeta` intimata stante li kien iwassal biss sa nofs l-area involuta, bil-konsegwenza li l-hmieg f'wicc il-bahar seta' jidhol fl-area*
*tal-wirja bla tfixkil jekk ir-rih u l-kurrent jiffavorih;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi ghalhekk jirrizulta li z-zewg socjetajiet kontendenti jirrizulaw ugwalment kolpevoli fl-ghazla tar-rimedji minnhom adottati stante li r-rimedju minnhom maghzul ma seta' qatt ikun effettiv;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi in vista tal-premess hi l-fehma konsiderata ta' din il-qorti li huma l-istess socjetajiet kontendenti li kkontribwew ghall-problemi riskontrati billi ma ghazlux rimedji idonei biex jilhqu l-ghanijiet gholjin li it-tnejn li huma jippretendu li jilhqu f'okkazjonijiet ta' tali statura;*

*Illi di piu`, is-socjeta` rikorrenti wehedha hi wkoll responsabbli talli l-"boom" minnha adoperat qatt ma seta' jkun effettiv stante li kien qasir wisq;*

*Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet premessi, takkolji parzjalment kemm it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif ukoll*

*dawk tas-socjeta` intimata u konsegwentement, "arbitrio boni viri":*

*1. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata Network Publications Limited biex thallas lis-socjeta` rikorrenti Alpha Briggs Mediterranean Limited l-ammont ta' elf u hames mitt ewro, (€1,500.00);*

*2. Bl-ispejjez jinqasmu bejn il-partijiet fi kwota ta' zewg terzi, (2/3), kontra s-socjeta` rikorrenti, u terz (1/3), kontra s-socjeta` intimata;*

*3. Bl-imghaxijiet dovuti fuq l-ammont hawn indikat jiddekorri mit-18 ta' Dicembru 2008."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alpha Biggs Mediterranean Limited datat 6 ta' Mejju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` intimata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Network Publications Limited datata 31 ta' Mejju 2011 a fol 11 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Joseph Camilleri ghas-socjeta` appellata rapprezentata minn John Formosa u Dr. Philip Magri ghas-socjeta` appellanti, Paul Pisani presenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 19 ta' April 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravji tas-socjeta’ appellanti huma (a) li la darba l-Ewwel Qorti ddecidiet li z-zewg socjetajiet kontendenti huma ugwalment responsabbli ghall-ghazla ta’ rimedji addottati minnhom ghaliex ir-rimedju operat ma kienx effettiv mela allura kellu jkun hemm kanonizzati nofs it-talba attrici u l-ispejjez tal-kawza kellhom jigu sopportati nofs kull wiehed u mhux kif deciz; (b) li pendenza ma kienitx titratta dwar dak li l-Ewwel Qorti kkonsidrat bhala rimedji u dan peress li l-ftehim taghhom kien regolat mill-ftehim a fol. 8 tal-process u dan gie esegwit mis-socjeta’ rikorrenti sakemm din twaqfet ghal xejn mis-socjeta’ appellata u ma kien hemm ebda inadempjenza kuntrattwali da parte tas-socjeta’ appellanti.

Illi dwar it-tieni aggravju jidher li effettivament dak li qed jigi kkontestat hija l-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti fis-sens li qed jinghad li ma giex ippruvat li s-socjeta’ appellanti fil-fatt kienet inadempjenti fl-inkarigu taghha, li tali inadempjenza kienet imputabbli lilha, u kienet tant gravi li twassal sabiex ma tithallasx in toto jew in parte tal-hlas minnha pretiz.

Illi fuq dan l-aspett din il-Qorti thoss li fuq dan il-punt id-decizjoni tal-Ewwel Qorti hija cara fis-sens li ikkunsidrat li dak li sar mis-socjeta’ rikorrenti ma kienx bizzejjed sabiex dik il-parti tal-bahar fejn kienet qed tinzamm il-*boat show* jinzamm nadif, u dan peress li l-boom uzat ma kienx bizzejjed ghaliex kien iwassal biss sa nofs l-area involuta bil-konsegwenza li l-hmieg f’wicc il-bahar seta’ jidhol fl-area tal-wirja bla tfixkil jekk ir-rih u l-kurrent jiffavorih. Mela allura l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-mezzi utilizzati mis-socjeta’ appellanti skond l-istess kuntratt, ghalkemm fihom innifishom ma kienux idonei fic-cirkostanzi sabiex jevitaw li jkun hemm hmieg fl-istess sit (u ghalhekk kien hemm l-ewwel konsiderazzjoni li r-rimedju maghzul mill-partijiet

ma kienx ser ikun ghal kollox idoneu), pero' bil-mod kif dawn gew effettivament adoperati mis-socjeta' appellanti ma kienx bizzejjed ghaliex fil-fatt il-boom provdut minnha kien qasir wisq. Mela allura din il-Qorti thoss li d-decizjoni kienet fis-sens li s-socjeta' attrici/appellanti kienet inadempjenti fl-operat taghha, anke jekk il-mezz utilizzat u miftiehem bejn il-parijiet minhabba n-natura tas-sit u c-cirkostanzi tal-kaz, qatt ma kien ser ikun idoneo sabiex jipprevjeni li jkun hemm il-hmieg fejn kienet qed issir tali wirja, izda minkejja dan, il-mezzi adoperati mis-socjeta' appellanti ( u allura maqbula bejn il-partijiet) kienu wkoll karenti u ghalhekk kien hemm nuqqas da parte tas-socjeta' appellanti fl-esekuzzjoni tal-inkarigu lilha moghti li wassal sabiex jinghad li x-xoghol maghmul minnha ma kienx sew, u mhux kif pattwit u certament bil-mod kif adoperat ma kienx iwassal li jigi milhuq l-ghan ghaliex is-socjeta' attrici kienet inkarigata.

Illi dan ifisser li l-Qorti kkonsidrat li kien hemm inadempjenza minn naha tas-socjeta' attrici li laqtet l-obbligu taghha skond l-istess ftehim, u dan in-nuqqas kien imputabbli lilha, u kien hemm proporzjonalita' bejn l-inadempjenza taghha u n-nuqqasijiet riskontrati **("Carmelo Cremona vs Victor Angillieri"** – P.A. – 11 ta' Ottubru 1966) u f'dan is-sens kien hemm nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni li ghaliha kienet tahti s-socjeta' attrici stess u din kienet ta' certa gravita' **("Alexander Bonello nomine vs Pheonix Co. Ltd"** – P.A. (JRM) – 25 ta' Settembru 2003) u dan iwassal sabiex jew ma jithallasx tax-xoghol li jkun ghamel jew li jkun hemm tnaqqis f'ammont li ghandu jithallas, ovvjament kollox skond ic-cirkostanzi tal-kaz (**"Anglu Busuttil vs Pio Fedele"** – P.A. (MCC) – 9 ta' April 1968).

Illi ghalhekk il-Qorti riskontrat, li apparti li r-rimedji li gew maqbula bejn il-parti ma kienux wahedhom ser ikunu idonei, izda f'dan il-kaz irrizulta li anke r-rimedju li kellhu jigi provdut mis-socjeta' appellanti ma kienx provdut minnha skond is-sengha u l-arti b'hekk li x-xoghol ma sarx kollu skond is-sengha u l-arti u ghalhekk waslet sabiex jigi stabbilit ammont arbitro boni viri **("Direttur Generali tax-Xogholijiet Pubblici"** – A.C. – 19 ta' Gunju 2006;

**"George Spiteri nomine vs Peter Paul Testaferrata Moroni Viani"** – A.C. – 9 ta' Jannar 2009).

Illi jinghad ukoll li tali konstatazzjoni huma wkoll fl-ahhar mill-ahhar apprezzament ta' fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li wara li hija stess ezaminat il-provi kollha prodotti mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti, u dan ghaliex il-konsiderazzjonijiet li saru minnha jaqghu fil-parametri tal-provi prodotti u kien fid-diskrezzjoni taghha li tevalwa tali provi u dan jidher li sar sew u ma kien hemm ebda ingustizzja manifesta f'dak minnha riskontrat u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti **("Rev. Dun Karm Grech vs Anton F. Attard"** – A.C. – 6 ta' Mejju 2011) u ghalhekk it-tieni aggravju qed jigi michud.

Illi dwar l-ewwel aggravju, ftit hemm wiehed x'jinghad ghaliex minn qari sew tad-decizjoni appellata jirrizulta li gie riskontrat li (a) li r-rimedju li dwaru qablu l-partijiet ma kienx wiehed idoneu wahdu, izda wkoll li (b) li r-rimedju li kellu jigi esegwit mis-socjeta' attrici fil-fatt lanqas gie esegwit minnha sew u ghalhekk is-socjeta' appellata giet ikkundannata thallas biss l-ammont ta' *elf u hames mitt ewro, (€1,500.00)* bl-ispejjez jinqasmu bejn il-partijiet fi kwota ta' zewg terzi, (2/3), kontra s-socjeta` rikorrenti/appelanti, u terz (1/3), kontra s-socjeta` intimata/appellata. B'hekk anke dan l-ewwel aggravju qed jigi respint u michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tas-socjeta' appellata datata 31 ta' Mejju 2011 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti fir-rikors tal-appell taghha datat 6 ta' Mejju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Alpha Briggs Mediterranean Limited vs**

**Network Publications Limited" (Rikors Nru. 414/08/SM) datata 19 ta' April 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez ta' dan l-appell kontra s-socjeta' appellanti Alpha Briggs Mediterranean Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------